# L-Iskultur Mosti Salvatore Dimech

Smajna ħafna dwar Salvatore Dimech, skultur Mosti tas-seklu dsatax. Għal xi żmien kien hemm min jistaqsi jekk ix-xogħol fuq l-istatwa ta' Santa Marija kienx xogħolu.

Min kien Salvatore Dimech, skultur li ħalla diversi xogħlijiet f'Malta? Kien il-kuġin ta' Vincenzo Dimech, skultur Malti? Salvatore Dimech twieled il-Mosta fis-27 ta' Frar, 1804 minn Ġanni Dimech u Antonia, imwielda Agius. Tgħammed l-għada fil-parroċċa tal-Mosta mill-Kappillan Dun Feliċ Calleja.

Dun Feliċ kien l-istess kappillan li żewweġ lill-ġenituri tiegħi fit-3 ta' Ottubru, 1797. Minn tagħrif li hemm fil-kotba tal-knisja tal-Mosta jidher li Vincenzo Dimech ma nstabx f'dawk iż-żminijiet ta' Salvu Dimech bħala li tgħammed fil-knisja tal-Mosta. Fil-fatt id-Dimechijiet ma kinux kuġini. Ta' min jgħid li Vincenzo Dimech kien imnissel minn familja ta' artisti li kellha għeruq tagħha fil-belt Valletta.

L-iskultur Salvu Dimech kien it-tielet wild fil-familja. Kellu ħuh li kien ukoll jismu Salvu, iżda l-membri tal-familja tiegħu kienu jsejħulu Ġużeppi. Kellu wkoll oħtu Maria Angela u ħuh iż-żgħir mgħammed Ġużeppi iżda magħruf bħala Ġanmari.

Huwa ħaddan l-arti ta' l-iskultura minkejja l-fatt li kien ġej minn familja ta' bdiewa. Nafu li ta' għoxrin sena kien għadu joqgħod il-Mosta. Fil-fatt fis-26 ta' April, 1824 saru t-tnedijiet għaż-żwieġ tiegħu mill-kappillan tal-Mosta *sub curius cura sponsus habitat* ma' Maria Agius minn Ħal Lija.

Peress li Maria wriet ix-xewqa li tibqa' toqgħod Ħal Lija ħdejn il-ġenituri tagħha, li kienu Marco u Klemenza, jidher li l-koppja Dimech marru joqogħdu hemmhekk. Dan jidher ċar ukoll mid-dokumentazzjoni fir-reġistru parrokkjali ta' Ħal Lija li juri li mis-sena 1837 sas-sena 1886 Salvu Dimech kien joqgħod Ħal Lija.

Prova ċara hija dokument fir-reġistru tal-magħmudijiet ta' Ħal Lija dwar l-ewwel tarbija li twieldet fit-23 ta' Jannar, 1837 bl-isem ta' Antonia, Rosa, Katarina, Pawla. Aktar tard, jiġifieri fis-27 ta' Mejju, 1838 kellu tarbija oħra bl-isem ta' Klemenza.

Iżda seba' snin wara Salvu Dimeh ġarrab l-ewwel mewta f'ħajtu. Fis-6 ta' Ġunju, 1845 martu Maria Agius mietet fl-età ta' erbgħin sena. Hija tinsab midfuna fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija.



L-istatwa oriġinali ta' Santa Marija – xogħol l-iskultur Mosti Salvatore Dimech

Salvatore Dimech reġa' żżewweġ fis-16 ta' Settembru ta' l-istess sena lil Katarina Fenech, bint Nikola Fenech u Maria, ukoll minn Ħal Lija, quddiem ix-xhud Ġiuseppe Falzon, bin in-nutar Luigi Falzon. Dan iż-żwieġ sar daqshekk kmieni wara l-mewt ta' l-istess mara peress li l-iskultur Dimech kellu tfal żgħar li kienu jiddependu għal kollox minnu. B'hekk ukoll seta' jkompli jaħdem fl-arti tiegħu b'moħħ aktar mistrieħ.

Minn dan iż-żwieġ tiegħu ma' Katarina Fenech, l-iskultur kellu erbat itfal. Paolo twieled fl-24 ta'

➥ ikompli paġna 87



MASCO

SECURITY SERVICES

Valletta Road, Mosta MST 09

Tel: 434400 Fax: 437335

# Salvatore Dimech

➦ minn paġna 86

Novembru, 1846, Ġiovanni Maria twieled fl-20 ta' Settembru, 1848, Maria fil-15 ta' Jannar, 1851 u Camilla fl-24 ta' April, 1856.

Skond Castagna Salvu Dimeh kellu ibnu li kien jidher skultur ukoll iżda dan miet fl-età żgħira ta' erba' u għoxrin sena, propju f'Ottubru, 1871 fix-xahar li fih saret il-konsagrazzjoni tar-Rotunda tal-Mosta. Wara l-mewt ta' ibnu Poalo, Salvu kellu ħmistax-il sena xogħol quddiemu. Miet fis-26 ta' Ottubru fl-għomor ta' 81 sena. Dnub li mhux midfun fil-knisja tal-Mosta, il-parroċċa li tgħammed fiha. X'aktarx li l-aħħar snin ta' ħajtu għaddihom f'numru 117, Triq il-Kbira, Ħal Lija.

Semmejna kif Salvu kien bin il-bdiewa iżda mażżmien u b'perseveranza minn ragħaj tal-mogħoż sar skultur ta' fama u ġieħ. Irnexxielu jnaqqax fil-ġebla Maltija xogħol importanti ta' San Girgor il-Kbir fiż-Żejtun.Milli jidher Salvu Dimeh ma kellux rabtiet ma' akkademji jew artisti barranin u lanqas kien bniedem ta' xi skola kbira. Hekk qal Mario Buhagiar fil-*The Cult of St. Catherine in Malta.* (1979).

Fil-fatt huwa ħadem ma' skultur ieħor fuq l-isttawa ta' San Pawl li tlestiet fl-1845 meta Dimech kellu madwar 40 sena.

Dimech ħadem din l-istatwa fuq disinn u taħt id-direzzjoni tal-pittur Ġiuseppe Hyzler. Hyzler kien għamel disinn ta' fortizzier tal-knisja ta' Santa Katerina (San Girgor). L-ispejjeż ta' l-istatwa ta' San Girgor laħħqu għal 600 skud. L-istatwa tqiegħdet quddiem il-knisja parrokkjali l-qadima. Sfortunatament dan l-aħħar sofriet sfreġju minn att vandalu.



L-istatwa ta' San Pawl li tinsab fuq il-gżejjer ta' San Pawl – xogħol ieħor ta' Salvatore Dimech

San Pawl tal-Gżejjer (Selmun) tlestiet fl-istess sena 1845. Il-promoturi ta' dan il-monument kienu s-saċerdot Dun Francesco Caruana Dingli, it-tabib Michele Parnis, Salvu Borg, Ċensu Spiteri u Lippu Busuttil.

Mir-rendikont li kien ġie ppubbikat fil-ġurnal *L'Osservatore Maltese*, fil-harġa tas-7 ta' Ottubru, 1844, sirna nafu li l-istatwa ġiet tiswa 333 skud. 1150 skud

➥ ikompli paġna 89

Treecake CONFECTIONERY

Independence Ave; Mosta
Tel: 432859
(previously known as Ta' Virginia)
is now under new management
Managing Director: Jesmond Cauchi

*Treecake Confectioners advise that orders are accepted for all parties*

Everyone is welcome!

Honey Valley Exclusives

Natural Beauty Products
Lingerie
Designer Clothes & Casual Wear
@
Nectar
Beauty Shop
21, Curate Schembri Str – Mosta

# Salvatore Dimech

➡ minn paġna 87

oħra tħallsu għat-trasport tagħha. Ma nafux min ħejja d-disinn ta' din l-istatwa ta' fuq il-gżejjer, għalkemm kopja ta' l-istess disinn tinsab annessa mal-kuntratt, ippubblikat min-Nutar Guiseppe Torpiano, li sar nhar San Mattew ta' l-1843.

Xogħol ieħor fuq skala nazzjonali kien ix-xogħol fl-istatwa tal-Gran Mastri L'Isle Adam u La Vallette, li kienu jiddominaw il-Porta San Giorgio, il-bieb ewlieni tal-belt Valletta, magħruf bħala Putirjal.

Fil-belt, fil-kantuniera bejn Triq it-Teatru u Triq Zekka, fuq pedestall ta' l-irħam hemm statwa ta' Omm il-Karmeli, li hija wkoll xogħol maestuż ta' Dimech. Insibu ukoll San Ġużepp fil-Mosta, San Pawl f'Ħal Lija u San Nikola u Santu Rokku fis-Siġġiewi. F'Għawdex għandu statwa ta' San Pawl u San Pietru fin-Nadur.

Fil-Mosta għandna xogħol ta' Dimech fl-injam fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, l-istatwa tad-Duluri.

Salvu Dimech nafuh bħala skultur fl-injam, qasam li jirrikjedi impenn u ħila. Il-ħajra nibtet fih meta ħadem il-vara ta' Santa Marija għall-parroċċa tal-Mosta u dik tal-Lunzjata f'Ħal Balzan. It-tnejn tlestew fis-sena 1868.

X'aktarx li l-vara ta' Santa Marija kienet l-istatwa li ħolomha u pprepara ruħu sew għaliha, aktar milli għal kull statwa oħra. Wara kollox din kellha tkun il-vara ewlenija tal-parroċċa fejn twieled u trabba. Illum din il-vara kif ħadimha oriġinarjament Dimech nafuha biss mill-fotografija. Jekk wieħed iqabbilha ma' vari oħra lokali ta' l-Assunta, fiha jispikka l-aktar mod oriġinali li bih l-iskultur esegwixxa l-qagħda tal-mant wiesa' u miftuħ tal-Madonna. Din il-vara kellha ċerti dettalji tassew interessanti u ħelwin, fosthom il-ġest ta' l-anġlu f'riġlejn il-Madonna, b'idu il-leminija kien qed iżomm fuq rasu l-mant tal-Madonna.

Fil-fatt il-vara ta' l-Assunta ġiet 'irranġata' fl-1948 taħt id-direzzjoni ta' l-iskultur Vincent Apap. L-iskultur Salvu Dimech kien bniedem kbir u magħruf u qiegħed fil-periklu li jintesa, ukoll minna l-Mostin.

Dan ikun ta' għajb kbir għalina, aktar u aktar meta wieħed jiftakar li wħud mix-xogħlijiet tiegħu saru *landmarks* magħrufa fit-topografija tal-gżejjer Maltin.

Hija ħasra li x-xogħlijiet ewlenin ta' Salvu Dimech, l-Assunta tal-Mosta, il-Lunzjata ta' Ħal Balzan u San Girgor fiż-Żejtun ġew mimsusin, mibdulin jew ivvandalizzati u hekk it-timbru tiegħu tilef ħafna mill-impronta qawwija li kellu l-artist Mosti. Dak li ġralu Dimech m'għandux jirrepeti ruħu fil-ġejjieni. ■

*Loreto J. Dalli*

**Referenzi:**


Uffiċċju Parrokkjali Mosta, Uffiċċju Parrokkjali Lija, Eugene Montanaro, Castagna – **L-Istorja ta' Malta, bil-gżejjer tagħha, Malta Government Gazzette** 7/11/1838, 2/5/1838, **Arkivji Notarili Valletta** – Nutar Guiseppe Torpiano, **Is-Santwarju tal-Karmnu** (Malta) 1952.



